Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11098 - JACQUET METALS / SWISS STEEL COMPANIES)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 317/08)

1. Fid-29 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 tal-Kunsill u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Jacquet Metals S.A. ("Jacquet Metals", Franza), proprjetà tal-impriża Jacquet Metals S.A.,

— Swiss Steel s.r.o (ir-Repubblika Ċeka), Swiss Steel Baltic OÜ (l-Estonja), Swiss Steel Magyarorszag Kft (l-Ungerija), Swiss Steel Baltic SIA (il-Latvja), Swiss Steel Baltic, UAB (it-Litwanja), Swiss Steel Polska Sp.z.o.o. (il-Polonja) u Swiss Steel Slovakia s.r.o (is-Slovakkja) (il-"**Kumpaniji fil-Mira**"), jappartjenu għall-grupp Swiss Steel.

Jacquet Metals se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Kumpaniji fil-Mira kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Jacquet Metals hija attiva fid-distribuzzjoni ta' prodotti speċjalizzati tal-azzar u prodotti tal-azzar inossidabbli. B'mod partikolari, id-diviżjoni tal-IMS Group tagħha hija attiva fid-distribuzzjoni ta' prodotti tal-azzar tal-inġinerija, id-diviżjoni Jacquet fid-distribuzzjoni tal-pjanċi kwarto tal-azzar inossidabbli u tal-liga tan-nikil u d-diviżjoni Stappert fid-distribuzzjoni ta' prodotti twal tal-azzar inossidabbli. Kollha huma attivi f'diversi Stati Membri Ewropej.

— Swiss Steel Group huwa s-sid tal-Kumpaniji fil-Mira, kollha attivi fid-distribuzzjoni tal-prodotti tal-azzar, b'mod partikolari l-azzar tal-karbonju, il-prodotti tal-azzar inossidabbli, u l-azzar speċjali sa ċertu punt inqas. Il-Kumpaniji fil-Mira huma attivi prinċipalment fil-pajjiżi ta' inkorporazzjoni rispettivi tagħhom, u, sa ċertu punt, fi Stati Membri oħra tal-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11098 - JACQUET METALS / SWISS STEEL COMPANIES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË